MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1213/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Karwa-Data & Co Ltd
C 19582**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lis-socjeta' konvenut l-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmienja w erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€448.42), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici 'n konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru *AC10145128 u 10165340*, u skond diversi kontijiet mibghuta lilha, dokumenti anness ma l-avviz tat-talba mmarkati bhala:
IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv bin-numru 10145128,
IZY 2 ftehim dwar is-servizz bin-numru 21489415,
IZY 3 ftehim dwar is-servizz bin-numru 21489416,

IZY 4 prospett ghas-servizzi relattiv bin-numru 10165340,
IZY 3 ftehim dwar is-servizz bin-numru 21498216.

Illi s-socjeta' konvenut giet interpellata diversi drabi sabiex tghadi ghall-hlas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u tmienja w erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€448.42), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------